MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 292/2007

Kevin Galea Company Limited
vs
PBA Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Kevin Galea in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti li bih espona:

1. Illi s-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti is-somma ta' Lm5041, liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' xogholijiet li gew ordnati mill-istess socjeta` intimata ghal gewwa l-Eyecom Nightclub f'Paceville.

2. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti.

3. Illi fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti s-socjeta` intimata m'ghandhiex eccezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

Is-socjeta' rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma minnha dovuta ta' hamest elef u wiehed u erbghin Lira Maltija (Lm5041) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' xogholijiet imwettqa mis-socjeta` rikorrenti fl-Eyecom Nightclub f'Paceville.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li gie intavolat kontestwalment mar-rikors u bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Ottubru 2006 kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhied u d-dokument prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Kevin Galea direttur fis-socjeta` rikorrenti u qal li minn meta giet prezentata l-kawza sal-lum hallsuh biss is-somma ta' Lm500 u ma sar ebda pagament iehor.

Rat illi s-socjeta` intimata giet debitament nofikata skond il-ligi u ma deher hadd ghaliha llum.

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Kris Borg ipprezenta nota ta' riduzzjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikoli 167 tal-Kap 12, qed tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma minnha dovuta kif ridotta ta' erbat elef u hames mitt lira u wiehed u erbghin Lira Maltija (Lm4541) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' xogholijiet imwettqa mis-socjeta` rikorrenti fl-Eyecom Nightclub f'Paceville.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------